**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 t'April, 2001

**Numru 10**

**Avviz. numru 89/01JR**

**Schembri Brothers and Farrugia Limited**

**vs**

**Paul Saliba**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Frar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija disgha u disghin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm199.81), prezz ta' konkos mibjugh lill-konvenut;**

**Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;**

**Il-konvenut ghandu jhallas ukoll l-imghax kummercjali komputat mill-21 ta' Marzu, 1998, data tal-konsenja.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Paul Farrugia ghas-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija disgha u disghin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm199.81), bl-imghax kummercjali komputat mill-21 ta' Marzu, 1998. L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**